Mal-YTC **SLOVENJA - Tiroll - Svizzera**

***kif ukoll: Bled-Merano-Lugano mis-16 sas–27 t'Awwissu 2011***

***Inżuru: Hallein, Millstatt, Maribor, Ptuj, Julian Alps, Kransjka Gora, Bovec,Tolmin, Bohinj, Maria Woerth, Dolomiti, Dobbiaco, Brunico, Bolzano, Ortisei, Bressanone, Canazei, Moena, Malcesine, Bergamo, Lago di Como, Cadenabbia, Bellagio.***

**It-Tlieta,16 ta' Awwissu: Malta / Munich / Hallein / Millstatt / Bled**

It-Tlieta fis-7.15am niltaqgħu l-ajruport Internazjonali ta' Malta mat-tour leader biex naqbdu t-titjira tal-Air Malta u nitilqu direttament lejn Munich. Naslu hemm fil-11.40am. Il-coach tgħaddina mill-Awstrija fejn naraw xenerju mill-isbaħ u twassalna sa Bled fis-Slovenja. Nagħmlu waqfa fil-belt antika ta' Hallein fl-Awstrija. Hallein hi l-belt fejn twieled Franz Xaver, kittieb tal-melodija tal-Milied 'Silent Night'. Waqfa oħra Millstatt,fl-Awstrija; filgħaxija naslu Bled fis-Slovenja. Akkomodazzjoni fil-hotel; Ċena.

**L-Erbgħa,17 t'Awwissu: Bled/Maribor / Ptuj .**

Breakfast. Ħarġa (optional) fejn naraw diversi bliet sbieħ fis-Slovenja. L-ewwel waqfa hi Maribor li hi t-tieni l-akbar belt tas-Slovenja. Naraw il-parti qadima tal-belt fejn kienet imdawra bis-swar tas-seklu 14. Hawn nammiraw is-sbuħija tad-djar medjoevali. Minn hemm immorru Putj, meqjusa bħala l-eqdem belt tas-Slovenja. Ċena fi Bled.

**Il-Ħamis, 18 t'Awwissu: Bled (Julian Alps) Kransjka Gora / Bovec / Tolmin Gorges Lake Bohinj / Bled.** Breakfast. Illum għandna ħarġa oħra bil-coach (optional) fejn naraw xenarju mill-aktar spettakulari **tal-Julian Alps**. L-ewwel waqfa hi **Kransjka Gora** li hi skiing resort. Nieqfu **Bovec** li hu wkoll tourist resort. Post ieħor hu **Tolmin,** raħal żgħir b'popolazzjoni ta' 3,850 ruħ. Jekk ikollna ċans nidħlu naraw **it-Tolmin Gorges** fejn naraw is-sbuħija tal-wied u l-ħoss majestuż tal-ilma ġieri. Nibqgħu sejrin lejn l-għadira **Bohinj** li hi waħda mill-isbaħ tas**-Slovenja.** Ċena fi **Bled.**

**Il-Ġimgħa, 19 t'Awwissu: Bled**

Illum ħa nqattgħu ġurnata **Bled.** Immorru naraw l-**Otaka Island**, gżira żgħira f'nofs l-għadira ta' **Bled** b'kappella tas-17-il seklu. Wara jkollna ċans induru l-kastell li hu ċ-ċentru ta' **Bled**. Nistgħu nagħmlu dawra biċ-ċiċċu train fi **Bled.** Filgħaxija jkollna ftit ħin liberu. Ċena u noħorġu flimkien.

**Is-Sibt,20 t'Awwissu:Bled/Maria Woerth/ Dobbiaco/Brunic/ Ortisei/Merano.**

Bil-coach naqbdu t-triq tagħna lejn **Merano; fit-Tirol.** Nieqfu fil-villaġġ sabih ta'**Maria Woerth f'Worther See**, **fl-Awstrija** u wara**Dobbiaco** mdawwar b'xenarju mill-isbaħ tal-muntanji **Dolomiti.** Waqfa oħra tkun fi **Brunico** u **Ortisei,** vilaġġi żgħar impresjonanti fit-**Tirol.** Filgħaxija naslu **Merano**. Sistemazzjoni fil-hotel, ċena u ħarġa.

**Il-Ħadd, 21 t'Awwissu: Merano: Bolzano / Bressanone / Canazei / Moena**

Quddiesa u breakfast. Naqbdu t-triq tad-Dolomiti (optional) b'xenarju mill-isbaħ. Nieqfu **Bolzano** li hi l-belt kapitali tal-provinċja tal-**Alto Adige** u wara **Bressanone.** Bliet oħra li nieqfu fihom huma **Canazei**li hu skiing resortu **Moena.** Ċena Merano.

**It-Tnejn, 22 t'Awwissu: Merano**

Illum ikollna ġurnata **Merano**. Inżuru l-parti antika tal-belt u d-Duomo mibni fis-seklu 13 fuq stil gotiku. Nagħmlu passiġġata sabiħa (**passeggiata lungo Passirio**) fejn ingawdu l-ġonna sbieħ bil-fjuri u bix-xmara tgħaddi minn

nofshom. Ta' interess u sbuħija: huma l-ġonna tat-**Trauttmansdorff Castle** mibni fis-sena 1847. L-Imperatriċi Sissi tal-Awstrija kienet tqatta' x-xitwa f'dan il-kastell. Filgħaxija jkollna ftit ħin liberu. Ċena u noħorġu flimkien.

**It-Tlieta, 23 t'Awwisu: Merano / Malcesine / Bergamo / Lugano.**

Minn **Merano** nitilqu bil-coach lejn **lago di Garda**. Nieqfu **Malcesine** li hu wieħed mill-isbaħ postijiet fuq il-**Lago di Garda.** Nagħmlu waqfa oħra fil-belt ta' **Bergamo** fl-Italja, belt medjoevali tas-seklu 16. Iċ-ċentru storiku tal-belt baqa' jżomm l-karatteristika oriġinali. ti

**L-Erbgħa, 24 t'Awwissu:Lugano: Cadenabbia / Bellagio (ferry) / Lago di Como.**

Ħarġa bil-coach (optional) u nieqfu fil-villaġġ turistiku ta' **Cadenabbia** li qiegħed **mal-Lago di Como**. Minn hemm naqbdu l-ferry boat u mmorru **Bellagio**, post ieħor turistiku fuq **il-Lago di Como:** post b'toroq dojoq bl-arkati. Ċena **f'Lugano**, u noħorgu flimkien.

**Il-Ħamis, 25 t'Awwissu: Lugano/ ferry cruise (Morcote) fuq l-għadira Lugano.**

Illum noħorgu nduru mal-belt ta' **Lugano.** Nistgħu mmorru bil-ferry cruise (optional) u nieqfu fir-raħal sabiħ ta' **Morcote** li hu post turistiku. Il-karateristika ta' **Morcote** huma t-toroq dojoq, l-arkittetura u s-sbuħija naturali tal-post. Ta' min jara wkoll il-Knisja ddedikata lill-Madonna mibnija fis-seklu 13. Wieħed jista' jara wkoll **Melide** li hi attrazjoni tal-bliet **Svizzeri** fiċ-ċokon. Filgħaxija - ħin shopping fid-dept stores kbar bħal EPA etc.

**Il-Ġimgħa, 26 t'Awwissu: Lugano: Monte San Salvatore / free time.**

Illum nitilgħu fuq **il-Muntanja San Salvatore** bil-funikular (optional) fejn ingawdu veduta mill-isbah ta' **Lugano**. Inżuru ċ-ċentru, it-triq prinċipali Via Nassa, il-ġnien pubbliku. Hemm diversi muntanji u cable cars oħra. Filgħaxija jkollna free time. Ċena u noħorġu ngawdu għall-aħħar darba l-għadira ta' **Lugano**.

**Is-Sibt, 27 t' Awwissu: Lugano / Milan / Malta**

Breakfast u transfer lejn l-ajruport ta' Milan. Nitilqu mat-titjira tal-Air Malta KM627
fil-11.15am u naslu **Malta** fil-13.15pm (1.15pm)

**Kundizzjonijiet tat-tour:** Kamra ta' 3 persuni: € 1120 / Kamra ta' 2 persuni: € 1150 **(£M493.00)**
Kamra ta' persuna waħda: € 1190 / Tfal sa 11–il sena ma' 2 adulti € 840
**NB: Min iħallas sa l-10 ta' Ġunju jitnaqqsulu €50** Taxxi u service charge: € 50

**Optional excursions**

1. Maribor / Ptuj: € 52 2. Julian Alps: € 55
3. Bolzano / Bressanone / Canazei: € 53 4. Cadenabbia / Bellagio: € 55

**Prezz speċjali kbar €200 flok €215** Tfal nofs prezz

**Prezz jinkludi:** Titjira diretta: Malta / Munich / Titjira diretta : Milan / Malta / Transfers kollha mill-ajruport għall-hotels / 11–il lejl fi 3 star hotels bil-facilitajiet privati / Buffet breakfast kuljum / Ikla filgħaxija / Tour leader
**Mhux inkluż fil-prezz:** Dħul f'kastelli u mużewijiet / Drinks waqt l-ikel / Cable cars u trains etc. / Boat trips / Shows.

**Importanti li tagħmlu TRAVEL INSURANCE**: Insurance standard € 23. L-organizzaturi jżommu d-dritt li jistgħu jbiddlu l-programm meta u fejn hu neċessarju. L-organizzaturi ma jidħlux responsabbli għal ebda danni, serq, mard, korriment jew dħul f'xi sptar.
**Booking ġib miegħek numru tal-passaport, L-ID. u deposit ta' 200 euros.** Ħlas isir b'cheque. Booking jagħlaq kif jimtela t-tour.
Ibbukja: **YTC: 227 Triq il-Merkanti, Belt. Tel: 21233893/ 21240737, 99234500**

- Tour leader: Fr Frans Deguara tel: 215770885 / M 99841355
- Stella Cini: 21415396 / M 79302345